*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 53

L-Erbgħa 8 ta' Frar 2023

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Thomas Debattista – Kunsillier
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier

SKUZATA:
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **53.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 53.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18.05pm ghax ma kienx hemm *quorum.* |
| 53.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Vici Sindku Sa Darlene Vella Zammit ma setghetx tattendi ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kelliex kontroll fuqha u s-Sa Anabella Marmara` talbet apologija ghax kienet se tasal tard ghall-laqgha minhabba cirkustanza li ma kelliex kontroll fuqha. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **53.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 53.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 52 flimkien mal-minuti tal-laqgha annwali kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 53.2.2 | Is-Sur Thomas Debattista ppropona u s- Sur Christian Pace ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 52 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **53.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 53.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fil-laqgha precdenti s-Sur Christian Pace tkellem fuq programm tal-wirjirt tal-Gimgha l-Kbira u spjega li gew avvicinati minn sinjur li se jorganizza wirja tal-Gimgha l-kbira u jrid jghamilha b`kolloborazzjoni mall-Kunsill Lokali. Is-Sindku zied jghid li l-wirja se tinzamm hmistax qabel il-Gimgha l-Kbira u se ssir fi Triq il-Fuhhar il-Hadd 2 ta` April 2023 bejn is-3.00pm u l-5.30pm pero` t-Triq se tinghalq mis2.00pm sal-5.30pm. Is-Sindku qal li dan is-Sinjur se jgib il-banda u talab il-Kunsill sabiex jassisti permezz tal-*wardens* u vverifika li l-ammont ghall-wardens huwa ta` Eur215 u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti. Is-Sindku qal li ghas-siggijiet se jkun qed jiehu hsieb hu stess. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-invit u l-poster se jkun hemm indikat fuqhom li l-attivita` se tinzamm b`kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali. |
| 53.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ltaqgha mal-persuna li se tkun qed taghmel il-wirja tal-Gimgha l-Kbira fir-*Reach Out Centre- Community Hall* fejn urieh il-post. Is-Sindku qal li bhala dwal se jkun qed jiehu hsieb kollox il-persuna responsabbli mill-wirja b`permezz ta *light beams* u l-Kunsill ma hu se jehel l-ebda` spejjez addizjonali. |
| 53.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se tinzamm attivita` ohra ta mixghela f` Hamis ix-Xirka u talab lill-Kunsillier is-Sur Christian Pace sabiex jitkellem fuq il-fuljett.<br><br>Is-Sur Christian Pace nforma lill-Kunsilliera prezenti li gie kkuntatjat mill-individwi li semma s-Sindku relatati mal-wirja inkluz persuna ohra wara li kien hareg avviz fuq il-pagna tal- |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | risposta fil-granet li gejjijn mill-Ghaqda Kultura u Armar rigward jekk il-*Pageant* li tinzamm fit-Toroq hu se ssir. Is-Sur Christian Pace qal li malli jkollu risposta jkun jista` jara x`ha jaghmel dwar il-fuljett u kif se jqassmu.<br><br>Is-Sindku ppropona li l-attivitajiet kollha tal-Gimgha l-Kbira li jsiru mill-Knejjes jistghu jigu nkluzi fil-fuljett ukoll.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Neil Portelli ppropona li anke l-mixghela tigi nluza fil-fuljett ha tkun attrazzjoni tajba ghan-nies.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace ikkonferma li se jigu nkluzi l-attivitajiet kollha. |
| 54.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda` nvit pero` ra *poster* fuq il-*facebook* li fil-5 ta Marzu 2023 se jsir pellegrinagg tal-Madinna tad-Dutrina ghall-275 anniversarju.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace nforma lill-Kunsilliera li 275 anniversarju huwa mit-twaqqif tal-kongrigazzjoni u mhux anniversarju tar-rahal imma tal-fratellanzi tal-Madonna tad-Dutrina.<br><br>Is-Sindku qal lis-Sur Christian Pace sabiex itellgha dan l-avveniment fuq il-pagna tal-Kunsill Lokali u jekk jintbghat invit se jkun qed jinforma lill-Kunsilliera. |
| 54.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li bhalissa qed jinzammu diskussjoniet bejn il-Kunsill u l-entitajiet koncernati sabiex jinbeda l-progett tal-Pjazza qed tiehu hsieb kollox il-Perita ta` *Infrastructure* Malta li hija wkoll il-Perita tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li nzammet laqgha mal-Enemalta sabiex isiru x-xogholijiet necessarji. Is-Sindku zied jghid li se jigi diskuss ukoll id-dawl tal-Pjazza ma espert li gie ntogut mill-Perita u liema laqgha se tinzamm fl-10 ta` Frar 2023 fit-tlieta ta` wara nofsinhar quddiem il-Knisja. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li kollha huma mistednin sabiex jattendu u l-Arcipriet se jkun mistieden ukoll.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv talbet permess minghand is-Sindku sabiex titkellem fuq il-hlasijiet dovuti lill-espert tad-dawl u nfurmat lill-Kunsilliera prezenti li wara li tkelmet ma ufficjal tad-DPF infurmat lill-Perita ta` *Infrastructure* Malta sabiex l-entita` tikkunsidra l-possibilta` li dan il-hlas ikun inkluz mal- prezz holistiku li se jkun qed jorog il-Kunsill minn dan il-fond ghax-xogholijiet tal-Pjazza.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista ssugerixxa li meta l-pjanta tal-Pjazza tkun finalizzata minn kollox ghandu jsir *billboard* vizwali sabiex in-nies ikunu mgharfa. |
| 54.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista u s-Segretarju Ezekuttiv attenda laqgha ma *Infrastructure* Malta rigward it-Toroq tal-lokalita`. Is-Sindku spjega li flimkien mas-Sur Thomas Debattista ghamlu pjanta bit-Toroq li hemm |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | bzonn isiru u prezenta lill-Kunsilliera filwaqt li semma t-Toroq kollha indikati fuq il-pjanta u qal li hemm certu Toroq li ma hemx ghalfejn jinqalu l-bankini wkoll. Is-Sindku talab li l-lista tat-Toroq li gew proposti tkun annessa ma dawn il-minuti. |
| 54.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera l-Kunsill ircieva PQ fuq l-istat li qieghda Triq San Tumas u spjega li bhala Triq se tkun qed tiehu 5000 metru kwadru li huwa l-massimu f`sena li naghta minn *Infrastructure* Malta ghat-Toroq. Is-Sindku spjega li waqt il-laqgha li saret ma ufficjali ta` *Infrastructure* Malta huma kienu tal-opinjoni sabiex isir pjan mill-Kunsill Lokali bil-Perit tieghu u t-Triq ma ssirx kollha konkos bit-tarmakk biss imma jinholoq *emballishment* u filwaqt li l-Kunsill ikun qed ihallas ghad-disinn, *Infrastructure* Malta tkun qed tkopri l-ispejjez l-ohra. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-idea ghogbitu u talab is-*survey* ta` Triq San Tumas lill-*Infrastrucure* Malta sabiex isir id-disinn u kellem lill-Periti tal- I+A li qed jiehdu hsieb Gnien Penza sabiex jaghmlu l-Pjanta tat-Triq. Is-Sindku spjega li tkellem mal-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit sabiex tara fejn l-ahjar issir *zebra crossing* ukoll u nforma lill-Kunsilliera li jekk il-progett jinbeda malajr it-Triq tkun lesta sa April 2024. Is-Sindku qal l-kwotazzjoni tal-Periti tammonta ghall-Eur 5,849.85 u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma kien hemm l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 54.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li kien hemm incident Triq Paola fejn kien hemm individwu li kellu ncident ghax kien hemm xi gebel tal-bankina fit-Triq. Is-Sindku spjega li ghadda xi trakk jew tal-linja fejn tkissret bicca mill-bankina u ghadda dan l-individwu u ghadda bil-karozza minn fuq il-gebel. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li din il-persuna ghamlet rapport lill-Pulizija u gew fuq il-post flimkien ma tal-*fire engine* ghax bl-incident infaqgha s-*samp* tal-karozza u kien hemm iz-zejt mal-art u stqarr li ghandu l-provi li l-incident sar fil lokalita' ghax kien prezenti. Is-Sindku zied jghid li l-kont tal-hlas ghall-dan l-incident huwa ta' Eur 200.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista innota li fir-rapport tal-Pulizija kien hemm zball fl-isem tat-Triq ghax tindika li l-incident sar Triq Ħal Tarxien u mhux Triq Paola.<br><br>Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera s-Sindku qal li jaqbel li l-flus jithalsu lill-individwu li kellu l-incident imma l-kumplament tal-Kunsilliera prezenti qablu unanimament li l-Kunsill ma ghandux ihallas ghax ma kienitx irresponsabilta tieghu u l-hsara saret minn terzi fejn il-Kunsill ma kellux kontroll fuqha. |
| 54.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu bit-taxxa l-gdida tal-fliexken tal-plastik. Is-Sindku spjega li peress li jinxtara l-ilma u l-luminata ghall-haddiem amministrattivi u assenjati dan ha jammonta ghal madwar Eur 400 aktar fis-sena. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma kien hemm l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 54.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 54.4.1 | Ma kienx hemm. |
| 54.5 | Rapporti |
| 54.5.1 | IsSindku indirizza lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex titkellem fuq il-Kuntrattur tal-Kunsill Lokali li kien il-*Waste Collection*. Is-Segreatrju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li peress li dahlet fis-sehh il-ligi l-gdid tal-Unjoni Ewropeja fejn jidhol il-gbir ta` skart il-Kuntrattur tal-Kunsill Lokali kellu jigi terminat tlitt xhur qabel l-gheluq tal-Kuntratt li kient ta` erba` snin konsekuttivi ghaldaqstant gie kkuntatjat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kunsill gie gwidat sabiex isib alternattiva billi jkellem lill-Avukat tal-Kunsill u jigi evitat li l-Kuntrattur ifittex il-Kunsill legalment. Is-Segretarju Ezekuttiv infumat lill-Kunsill li kkuntatjat lill-Kuntrattur u dan kien lest li jibghat *invoices* ta` tlitt xhur pendenti bl-ammonti tal-flus li kien se jitlef minhabba li gie terminat il-Kunstratt li jammonta ghall-Eur15,679.84 inkella kien lest li jipprovdi servizz tal-kenniesa ghall-lokalita` minflok jingabar l-iskart. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-Kunsill li wara li vverifika legalment gie nfurmat li servizz offrut minflok iehor kien ikun ksur tal-kuntratt l-istess kif meta twaqqgha kuntratt bla ebda` raguni ghaldaqstant il-Kunsilliera riedu jiddeciedu kif se jipprocedu. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li tithallas is-somma ta` tlitt xuhr li ntalbet mill-Kuntrattur sabiex ma jbaghti l-ebda` konsegwenzi u l-Kunsill ma jigix imharrek li kiser il-Kuntratt. |
| 54.5.2 | Is-Sur Christian Pace informa lill-Kunsilliera li kien hemm messaggi fuq il-pagna tal-Kunsill u anke staqsewh personali jekk bhala Kunsill hux se jsir xi gbir ghan-nies milqutin mit-terremot tat-Turkija sabiex itellgha avviz fuq il-pagna tal-Kunsill.<br><br>Is-Sindku wiegeb li se jsir talii gbir u l-Kunsill se jwasslu l-Ambaxxata tat-Turkija u spjega li min jaghti xi haga ghandu jikteb fuq il-borza x'inhuma l-affarijirt. Is-Sindku spjega li fuq il-pagna ghandu jikiteb ghoti ta' affarijiet ghan-nies tat-terremot ghax se jinqasmu bejn it-Turkija u s-Sierja. |
| 54.5.3 | Il-Kunsillier is-Sur Neil Portelli nforma l-Kunsilliera prezenti li nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2023 se jkun qed jiltaqgha mal-Perita tal-Kunsill sabiex jassisti ghall-laqgha ta' kjarifikazzjoni li se tinzamm ghall-*bidders* fuq it-*Tender* tal-5 *aside ground*. |
| 54.5.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit bghatet ir-rapporti li riedet twassal ghall-laqgha tal-Kunsill fl-assenza taghha u se jghidhom f'isimha.<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit irciviet petizzjoni minghand ir-residenti ta' Triq Marjanu Gerada sabiex issir bollard ghall-vetturi l-kbar li qed jitilghu fuq il-bankina;<br>Is-Sa Darlene Vella Zammit se tkun qed torganizza kors ta' kompjuter bla hlas filoghdu nhar l-14 ta' Marzu u l-20 ta' April 2023; |

| | |
|---|---|
| | Is-Sa Darlene Vella Zammit se tkun qed torganizza kors tal-First Aid;<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit se tkun qed torganizza harga ghall-anzjani u se taghti aktar dettalji f'Marzu li gej;<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsill sabiex taghmel tabella *one way* wara l-monument tal-gwerra ghax min ma jkunx mir-rahal jahseb li jista' jdur mighu bil-kontra;<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit infurmat il-Kunsill sabiex issir *sleeping police* Triq id-Dejma minn naha ta' Santa Marija qabel ma ddur ghat-Triq Kavallier De Guaras;<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit infurmat il-Kunsill sabiex issir *sleeping police* Triq Annunzjata qabel ma ddur ghal-Triq it-Tarzna;<br><br>Is-Sa Darlene Vella Zammit infurmat il-Kunsill sabiex jitnehha l-ewwel parkegg Triq Santa Marija fuq in-naha tal-lemin int u gej minn Triq it-Tempji Neolitici u ssir zebgha bil-kaxxi u zewg bollards.<br><br>Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma kien hemm l-ebda` oggezzjoni fil-proposti li ghamlet il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit. |
| 54.5.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ntbghatet email rigward il-*cameras* sabiex il-Kunsill Lokali jinforma lir-Regjun Port fejn iridu jsiru xi *cameras.*<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Ismael Dalli staqsa jekk il- *cameras* hux se jsiru fil-gonna minhabba vandalizmu jew hux se jharsu l-barra fuq il-karozzi sabiex jekk xi hadd jipparjka barra mill-kaxxa tilhqu l-*camera* u spjega li l-Kunsill precedenti diga' esperjenza xi haga simili.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace spjega li jippreferi li l-*cameras* ikunu gol-gonna mhux iharsu lejn barra tal-gonna.<br><br>Il-Kunsillier is-Sur Ismael Dalli ta' parir lill-Kunsill li mill-esperjenza jkun ahjar li l-*cameras* isiru fuq gewwa sabiex tinzamm l-ordni fil-gonna u ma jsirx vandalizmu.<br><br>Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li jsiru l- *cameras* fil-gonna u fuq il-*bring n sites.* |
| 54.5.6 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace issugerixxa li tigi proposta intallazjoni ohra tal-magna tal-BCRS gol-gnien Misrah Buleben. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li din il-proposta tigi diskussa mal-awtorita' koncernata ghax hemm bzonn ta' magna ohra tal-BCRS. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 54.5.7 | Is-Sindku prezenta r-rapport finanzjarju Ottubru 2022 u Dicembru 2022 ghall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera r-rapport finanzjarju gie approvat. |
| 54.6 | Mozzjonijiet |
| 54.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 54.7 | Sejhiet ghall-offerti |
| 54.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-Bulky se jinfetah fi Frar 2023 sabiex imbad issir l-evalwazzjoni.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-5 *aside ground* se jinfetah f'Marzu sabiex imbad issir l-evalwazzjoni.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-*call for quotations tal-laptops* se jigi ppublikat fil-jiem li gejjijn.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tat-tabelli u sinjali qieghed jigi processat sabiex jinhareg ukoll u staqsa jekk iridux izidu l-estimu ta' nfiq qabel ma jigi konkluz. Wara diskussjoni libera u vot unanumu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-ammont ikun Eur 120,000 fuq erbgha snin.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-*istage* u s-siggijiet wasal biex jigi konkluz u ppublikat.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-progett ta' Gnien Joanne li jinkludi t-*Tender* tan-*Norwegian Grants u Tender* tal-LESA se jkun qed jibda' f'Marzu 2023. |
| 54.8 | Dawl Triq San Tumas |
| 54.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ghalkemm intbghatet emejl lill-Kunsilliera u kulhadd qabel mal-proposta li jigi assenjat avukat sabiex jirraprezenta l-Vici Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv li se jkunu xhieda fil-Qorti xorta giet inkluza bhala *agenda item*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda' oggezzjoni f'dan ir-rigward. |
| 54.9 | Inizjattiva ta` tindif ghall-klieb |
| 54.9.1 | Is-Sindku prezenta l-*Performance Bonus* tal-haddiema amministrattivi tal-Kunsill u staqsa ghall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-*Performance Bonuses* tal-haddiema amministrattivi gew approvati u gie deciz li ghandhom jinghataw il-massimu tal-*Performance Bonus*. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 54.10 | Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 54.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 44/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Jannar 2022/Frar 2023, għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 54.10.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Christian Pace ssekondatata mis- Sa Anabelle Marmara` l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| 54.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 54.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-18.45p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 13 ta' Marzu 2023 fis-6:00p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Marzu 2023.

Joseph Abela Galea
Sindku

E. Vella

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

**Proposti ta' Toroq Ġodda**

Triq San Tumas

Triq it-Tempji Neolitici

Tal Barrani/ Triq San Anard

Triq Lorenzo Gonzi

Triq Guzeppi Montebello

Triq Ganni Faure

Triq il-Kavallerija

Triq Karlu Maratta (bejn Triq Ganni Faure u Triq it-Tamal)

Triq Anglu Mangion (Bejn Misrah Buleben u Triq Daniel Ceci)

Triq Kutnent

Triq Guzeppi Cali

Triq Odilone Caruana

Triq Ħal Gharrat

Triq il-Pellikani

Triq ir-Russett

---

Triq Ġuże D'Amato (Bejn Triq Sir Temi Zammit u Triq il-Ħaġar)

Triq il-Fuħħar

Triq Bjaġju Galea

Triq Dun Karm Sant

Triq Xandru Farrugia

Triq l-Isqof Tumas Gargallo

Triq l-Assedju l-Kbir (Bejn Triq il-Wilġa u Triq l-Imqades tal-Qedem)

Triq il-Fieres (Bejn Triq il-Qalgħa u Ġnien 2000)

Triq il-Kurunell Mas (Madwar l-Open Gym)

E. Vella